MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 15/2009

**Robert Booker**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra id-decizjoni tad-Direttur tal-31 ta' Lulju 2008 li permezz taghha Robert Booker gie mitlub jirrifondi ammont ta' ghajnuna li kien ircieva meta ma kienitx dovuta u dan peress li kien irceva xi wirt; ra wkoll l-appell tieghu fejn issottometta li missieru

kien miet intestat u huwa nghata l-wirt biss zmien wara peress kienu jinhtiegu proceduri tal-Bank.

Ma kienx hemm kontestazzjoni dwar dan u anki dwar il-fatt li l-Bank irrilaxxa l-wirt biss fil-31 ta' Ottubru 2006, anki skond dokument esebit. Id-Dipartiment ha l-imsemmija decizjoni fid-dawl tal-principju "ex tunc" li jirrigwarda s-successjoni.

L-Arbitru hu tal-fehma li dan il-principju ma ghandux jigi applikat f'talbiet ghal ghajnuna simili, gia ladarba ma jirrezultax li l-individwu koncernat ma jkunx naqas milli jiehu l-passi kollha necessarji biex jidhol fil-pussess ta' l-eredita'. Jidher li l-appellant ha l-flus fl-imsemmija data mentri huwa qed jintalab rifuzjoni sa tlett ijiem wara.

Ghalhekk l-Arbitru hu tal-fehma li l-imsemmija decizjoni ma kienitx gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh.**"**

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali appella minn din is-sentenza biex jitlob ir-revoka taghha. Hi l-obbjezzjoni principali tieghu illi, bil-kontra ta' dak dedott zbaljatament mill-Arbitru, l-assi ta' l-appellat-beneficjarju kienu jeccedu l-massimali ta' €23,300 ai termini ta' l-Artikolu 1 (a) (ii) tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318 u, konsegwentement, id-decizjoni tieghu li jirreklama lura r-rifuzjoni ta' l-ammont imhallas ghall-Ghajnuna ghall-Qghad kellha tigi kkonfermata, u mhux michuda. L-appellanti jirpoza dan l-assunt tieghu fuq il-konsiderazzjoni illi l-appellat dahal fil-pussess ta' l-eredita` ta' missieru fil-gurnata tal-mewt ta' dan;

Mill-attijiet tal-kaz quddiem l-Umpire jirrizultaw dawn il-fatti:-

1. L-appellat kien jircievi l-Ghajnuna ghal Dizimpjieg;

2. Missieru miet intestat fit-3 ta' Dicembru, 2005 u fit-30 ta' Marzu 2006 l-appellat ipproceda bl-appozitu rikors (fol. 21) ghall-dikjarazzjoni minghand il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) ghall-apertura tas-successjoni tad-defunt missieru ghaf-favur tieghu. Id-digriet relattiv minn din il-Qorti nghata fit-28 ta' Settembru 2006 (fol. 22);

3. Kien fil-31 ta' Ottubru 2006 illi l-appellat gie fil-pussess tal-fondi bankarji (Lm15384.53) li kellu missieru mal-HSBC (ara dokument relattiv a fol. 20);

4. B'ittra tal-31 ta' Lulju 2008 l-appellanti talab lill-appellat biex jirrifondilu lura l-ghajnuna lilu moghtija ghall-perijodu bejn l-4 ta' Frar, 2006 u l-31 ta' Novembru, 2006 u dan ghal raguni tal-predetta successjoni;

Premessi dawn il-fatti, hu l-agroment centrali tad-Direttur appellanti illi, gjaladarba l-apertura tas-successjoni tikkoincidi mal-mewt tad-decujus, *ergo,* l-appellat dahal fil-pussess tal-wirt ta' missieru b'effett mit-3 ta' Dicembru, 2005;

Huwa accettat ghall-finijiet tal-ligi civili illi l-wirt tad-decujus jghaddi ghand haddiehor jew *ope testamentis* jew *ope legis* (Artikolu 585, Kodici Civili). Hu ammess ukoll illi f'kull kaz is-successjoni tavvera ruhha mal-mewt tad-decujus, tant li l-accettazzjoni tal-wirt ghandha skond il-ligi effett retroattiv minn dak in-nhar tal-ftuh ta' l-istess successjoni (Artikolu 849, Kodici Civili). Dan ma jfisserx f'kuntest ta' sigurta` socjali illi din il-qaghda ghandha tabilfors tircievi r-rigur kollu taghha fis-sens tal-ligi ordinarja taht il-Kodici Civili;

Pjuttost, fil-fehma tal-Qorti, fis-sustanza u fl-ispirtu tal-ligi prevedenzjali, u precizament ghall-iskop li jigi determinat u kkalkolat jekk il-valur tar-rizorsi kapitali tal-beneficjarju jissuperawx il-massimu prefiss minn dik il-ligi, rigward irid jittiehed ghall-mument storiku li fih dak il-beneficjarju jkollu materjalment fil-patrimonju tieghu dawk l-assi ghal liema

jirreferi d-dispost bl-Artikolu 1 tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 30 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali. Sew ir-raguni kif ukoll il-bon sens ghandhom jissuggerixxu illi l-*punctum temporis* ghal kalkolazzjoni tal-mezzi m'ghandux ikun wiehed sempliciment ideologiku jew astratt b'rabta mad-data presuntiva ta' l-apertura tas-successjoni izda ghandu jkun wiehed konkret konness mad-data li fiha s-successur jidhol fil-pussess effettiv tal-fondi li kellu l-mejjet;

Mhux kontestat illi fl-4 ta' Frar, 2006 l-appellat ma kienx ghad kellu f'idejh dawk il-fondi ghaliex dawn gew rilaxxjati lilu mill-Bank fil-31 ta' Ottubru, 2006. Mhux lanqas kontestat illi ghal dak il-perijodu l-appellat irceva l-hlasijiet tal-beneficcju socjali ghal disimpjieg. Hu, pero`, ikkontrastat illi ghal dan l-istess perijodu l-mezzi disponibbli, f'sens reali, kienu jeccedu l-massimu li ried ikollu l-appellat biex jiddizintitolah milli juzufruwixxu ruhu minn dak il-beneficcju. F'din l-ottika l-Qorti ssib illi l-Arbitru sewwa ddecieda u mhux il-kaz li tiddiskosta ruhha mir-raguni u l-konkluzjoni li wasal ghaliha fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez, kif konswet, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------